MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 91/2024 LM

**Automated Services Revenue Limited (C 46054) f'isimha propju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Enemalta plc (C 65836) u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

*('l-appellata')*

***vs.***

**Dunstan Williams (K.I. nru. 102779M)**

*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Dunstan Williams (K.I. nru. 102779M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mil-lodo arbitrali mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo appellat'] mill-Arbitru fi ħdan iċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fl-ismijiet fuq

premessi, li ddeċieda t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **Automated Services Revenue Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Enemalta plc (C 65836) u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata *pro et nomine'*] kontra l-intimat, kif ġej:

> *"L-esponent għalhekk jgħaddi biex jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u għalhekk jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija tlieta u erbgħin u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€17,843.41), bl-imgħax mid-data tal-preżentata ta' dan l-arbitraġġ u ċioé mit-3 ta' Mejju, 2023, u bl-ispejjeż tal-istess."*

**Fatti**

2. Il-kwistjoni odjerna hija dwar il-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' somma flus dovuta lilha għall-użu tas-servizzi tad-dawl u l-ilma f'fond li juża l-intimat.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti *pro et noe* istitwiet proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju quddiem l-Arbitru, fejn talbet li l-intimat jiġi kkundannat iħallasha is-somma ta' €16,476.97 bħala utent tas-servizzi ta' dawl u ilma fuq fondi diversi, liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera tal-*meter* tal-ilma u tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma. Is-soċjetà rikorrenti *pro et noe* spjegat li minkejja li ġie debitament interpellat sabiex jersaq għall-ħlas, l-intimat baqa' inadempjenti.

4. L-intimat baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta, u minkejja li ngħata żmien anki sabiex bejn il-partijiet ikun hemm tranżazzjoni, ma seħħ xejn minn dan, u għalhekk il-kwistjoni ġiet deċiża mill-Arbitru.

## Il-lodo appellat

5. L-Arbitru, fil-lodo tiegħu tad-9 ta' Ottubru, 2024, iddeċieda li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti *pro et noe* għandhom jiġu milqugħa, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Konstatazzjonijiet***
>
> *L-esponent jinsab sodisfatt li t-talba tar-Rikorrenti għandha tintlaqa', billi hemm konferma u spjegazzjoni tal-akkadut bil-ġurament, u jidher li l-intimat ma kienx interessat jieħu ħsieb jiddefendi l-każ. L-esponent jagħraf li r-risposta tal-ittra uffiċjali tal-2011, l-intimat kien daħħal risposta fejn kien stqarr li m'għandux iħallas minħabba li kien sofra danni minħabba qtugħ ta' dawl.*
>
> *Din setgħet kienet difiża siewja, iżda l-proċedura kienet tirrikjedi li mill-inqas issir risposta għat-talba, u kontro-talba.*
>
> *Fin-nuqqas ta' dan, l-esponent ma jistax jieħu kont ta' din il-pożizzjoni."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-24 ta' Ottubru, 2024, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tilqa' dan l-appell u tħassar u tirrevoka l-lodo tal-Arbitraġġ Mandatorju deċiż fid-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena 2024 fl-intier tiegħu u dan billi tilqa' u tikkonferma l-aggravji mressqa mill-appellant.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

7. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex huwa ma ngħatax smigħ xieraq, u dan bi ksur tal-prinċipju *audi alteram partem;* u t-talba tal-appellata hija preskritta bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

8. L-appellata wieġbet li hi ma taqbilx mal-aggravji mressqa mill-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Aggravju: [Smigħ xieraq]*

9. L-appellant beda billi spjega li fil-21 ta' Jannar, 2011, is-soċjetà appellata *pro et noe* ippreżentat ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fejn talbet il-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' disat elef, seba' mija u ħamsin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€9,750.29). Spjega li huwa kien oppona għal din l-ittra, billi ddikjara li dan l-ammont mhux dovut minnu, u saħansitra irrileva li huwa kreditur tas-soċjetà appellata *pro et noe* li kkawżatlu danni konsiderevoli meta qatgħet il-provvista tad-dawl u l-ilma fis-*supermarket* tiegħu fuq il-premessa żbaljata li huwa kien inadempjenti fil-ħlas tal-konsum relattiv. Qal li fit-22 ta' Diċembru, 2014, is-soċjetà appellata *pro et noe* ippreżentat ittra *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbet il-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa u tmenin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€15,084.73), iżda l-appellant qal li din l-ittra qatt ma ġiet notifikata validament lilu. Fit-3 ta' Mejju, 2023, is-soċjetà appellata *pro et noe* ippreżentat avviż ta' arbitraġġ mandatorju kontra tiegħu, fejn ippretendiet li l-appellant

għandu debitu pendenti magħha li jammonta għas-somma totali ta' sittax-il elf, erba' mija u sitta u sebgħin Euro, u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€16,476.97) rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera tal-*meter* tal-ilma u tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma. Qal li dan l-avviż la kien jindika minn liema kontijiet kienet tirriżulta din it-talba, u lanqas ma kienet tinkludi xi prova dokumentarja in sostenn tat-talba tagħha. L-appellant spjega li wara li ġie ippreżentat u notifikat l-imsemmi avviż, kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet permezz tal-avukati difensuri tagħhom, fejn ġie maqbul li għandu jsir tentattiv għal tranżazzjoni barra mill-proċeduri tal-arbitraġġ. Qal li għal dan l-iskop, saret seduta amministrattiva quddiem l-Arbitru, fejn dan ġie infurmat li kien hemm il-ħsieb li l-pendenza tiġi transatta b'mod amikevoli, u għalhekk il-proċeduri bejn il-partijiet ma ġewx sospiżi, iżda kien hemm qbil li l-appellant ma jippreżentax risposta għat-talbiet tal-appellata *pro et noe*. L-appellant qal li minkejja dan, saret seduta waħda fejn is-soċjetà appellata *pro et noe* ressqet il-provi tagħha, li kienu jinkludu x-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza tagħha, kif ukoll kopji tal-kontijiet relattivi, u kopji tal-ittri li ntbagħtu lill-appellant.

10. L-appellant qal li l-lodo arbitrali għandu jiġi ddikjarat null u mingħajr effett, għaliex huwa jsostni li l-Arbitru kiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* billi ma tax opportunità lill-appellant iressaq ir-risposta tiegħu, u ma vverifikax li l-appellant kien notifikat bis-smigħ tas-seduti kif titlob il-liġi. L-appellant spjega li huwa kien ġie notifikat bit-talba tal-arbitraġġ, u sussegwentement ġiet

iffissata seduta quddiem l-Arbitru, fejn il-partijiet, strettament mingħajr preġudizzju kienu kkonstataw li teżisti possibilità ta' tranżazzjoni, u għalhekk bi qbil bejn il-partijiet ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta minnu. Qal li sussegwentement huwa qatt ma ġiet notifikat jew avżat b'seduta oħra, fejn xehed ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata *pro et noe,* u ppreżenta xi dokumenti. Qal li wara huwa rċieva kopja tal-*lodo* arbitrali bil-posta normali fl-uffiċċju tiegħu. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-Arbitru naqas milli jsegwi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li huwa qatt ma ġie notifikat li kienet ser issir xi seduta sabiex jinstemgħu x-xhieda tal-appellata. L-appellant kompla jgħid li bil-mod kif ġie deċiż l-arbitraġġ, ġew leżi d-drittijiet tiegħu ta' smigħ xieraq fejn huwa ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jippreżenta risposta u l-provi sabiex jissostanzja d-difiża tiegħu.

11. L-appellant saħaq li l-imsemmi ksur tal-prinċipju *audi alteram partem* wassal biex l-Arbitru għamel konklużjonijiet skorretti jew inveritieri, u konsegwentement ħa deċiżjoni żbaljata, billi l-appellant kellu provi dwar il-mertu xi jressaq. Qal li l-ammont indikat fl-avviż tal-arbitraġġ u fit-talba bil-miktub, mhuwiex dovut għaliex huwa mhuwiex jagħmel użu mis-servizzi tas-soċjetà appellata. Qal li dan qiegħed jingħad għaliex is-servizz li huwa kellu kien dak ta' *three-phase,* u fis-sena 2010 rappreżentant tal-Enemalta jew tal-appellata *pro et noe*, kien neħħa l-*cables* li jagħtu s-servizz ta' *three-phase* fit-triq kollha magħrufa bħala Triq Wiġi Rosato, Bormla, u b'hekk l-appellata qiegħda titlob ħlas għal servizz li ma ngħatax. L-appellant qal li huwa dejjem qabel li jħallas għall-konsum tad-dawl, iżda dejjem ikkontesta kwalunkwe ħlas relatat mal-kera tal-*meter* tal-ilma u tal-elettriku, għaliex ma kienx qiegħed jingħata l-ebda servizz f'dan ir-rigward. Qal li huwa sofra danni minħabba għemil

abbużiv tas-soċjetà appellata *pro et noe*, u hu kemm-il darba talab li jitneħħew l-*meters* tad-dawl u tal-ilma minn ġol-fond in kwistjoni li llum jappartjeni lil terzi.

12. L-appellata *pro et noe* wieġbet għal dan billi qalet li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, l-appellant ġie debitament notifikat bil-proċeduri odjerni, u konsegwentement ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar in-notifika tal-atti tal-proċeduri odjerni lilu. Qalet li mhux biss ġie debitament notifikat, iżda l-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu spjega li huwa saħansitra attenda għal seduta partikolari bħala parti mill-proċeduri. Qalet li minkejja dan, l-appellant naqas milli jdaħħal risposta fiż-żmien mogħti lilu, u permezz ta' ittra tat-3 ta' Mejju, 2023, iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kien informa lill-appellant li kellu sal-5 ta' Ġunju, 2023 sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu. Qalet li dan huwa ammess fir-rikors tal-appell tal-appellant, fejn huwa stess ammetta li naqas milli jdaħħal risposta fit-terminu mogħti lilu. L-appellata *pro et noe* qalet li għad illi kienet teżisti l-possibilità li tintlaħaq xi forma ta' tranżazzjoni, din qatt ma mmaterjalizat, u minkejja dan, l-appellant xorta waħda ma daħħal l-ebda risposta għat-talbiet tagħha. Qalet li huwa pertinenti li jingħad ukoll, li minbarra li l-appellant kellu sal-5 ta' Ġunju, 2023 sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, huwa kien ingħata wkoll żmien għall-preżentata tar-risposta fl-eventwalità li t-tranżazzjoni ma tintlaħaqx, u minkejja dan, l-appellant xorta waħda naqas milli jdaħħal ir-risposta tiegħu. L-appellata *pro et noe* qalet li kemm l-appellant kif ukoll il-konsulent legali tiegħu, kienu ġew infurmati bis-seduta li kienet ser issir fit-2 ta' Settembru, 2024, iżda kemm l-appellant kif ukoll ir-rappreżentant legali tiegħu naqsu milli jattendu għaliha. Qalet li kien nuqqas tal-appellant li ma daħħalx ir-risposta tiegħu entro ż-żmien mogħti, u għalhekk ma jistax issa jinqeda bir-rikors tal-appell tiegħu biex jispjega argumenti u provi li setgħu

faċilment jitressqu quddiem l-Arbitru. L-appellata saħqet li s-sottomissjonijiet li qegħdin isiru mill-appellant f'dan l-istadju, ma jsibu l-ebda riskontru f'xi provi prodotti fil-perkors tal-proċeduri, iżda jagħmlu riferiment għal fatti li ma jiffurmawx parti mill-provi prodotti quddiem l-Arbitru, u għalhekk dawn is-sottomissjonijiet għandhom jiġu skartati.

13. Il-Qorti tqis li mill-atti proċesswali jirriżulta li minkejja li ġie debitament notifikat, l-appellant ma ressaq l-ebda risposta għall-avviż tat-talba tas-soċjetà appellata. Jirriżulta wkoll mill-kopji tal-*emails* esebiti, li l-appellant kien infurmat b'uħud mis-seduti li kienu ser isiru quddiem l-Arbitru, tant hu hekk li f'*email* mibgħuta mill-avukat difensur tiegħu fl-24 ta' Ottubru, 2023, dan staqsa *"Are we meeting in court or at the centre please?".* Imma għal xi raġuni l-avukat difensur tal-appellant tħalla barra minn ċerta korrispondenza oħra li ntbagħtet bejn l-avukati difensuri tal-partijiet l-oħra fil-kawża u l-Arbitru u r-Reġistratur taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, inkluża l-*email* tal-1 ta' Lulju, 2024, tat-2 ta' Lulju, 2024, dik tal-5 t'Awwissu, 2024, liema seduti kienu maħsuba biex l-Arbitru jisma' l-provi wara li t-trattattivi bejn il-partijiet ma wasslu imkien. Dan ifisser li huwa veru li la l-appellant u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma kienu debitament notifikati bis-seduti, u għalhekk ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Anki f'każ li jirriżulta li l-appellant baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa ma kellux dritt jipparteċipa fil-proċeduri jew b'xi mod jikkontesta l-provi miġjuba mill-parti l-oħra anki permezz ta' sottomissjonijiet qabel id-deċiżjoni finali. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellant, bil-konsegwenza li qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-appellant, li l-Qorti qiegħda tordna li għandha tiġi ppreżentata mill-appellant fi żmien għoxrin (20) jum mid-

data ta' din is-sentenza, u sabiex l-Arbitru jiffissa s-seduti sabiex jiġu ppreżentati l-provi mill-appellant, u jsiru l-kontro-eżamijiet mill-appellata *pro et noe.*

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-preskrizzjoni]*

14. It-tieni aggravju tal-appellant jittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Qal li t-talba tal-appellata *pro et noe* hija preskritta, u għalhekk qatt ma setgħet tintlaqa'. Hawnhekk l-appellant irrefera għal deċiżjonijiet tal-qrati tagħna li jipprefiġġu terminu ta' ħames snin għall-preskrizzjoni ta' djun riżultanti minn arranġamenti marbuta mal-konsum tad-dawl u l-ilma. Qal li d-dejn pretiż mis-soċjetà appellata *pro et noe* ilu jeżisti tal-anqas mis-sena 2011, tant hu hekk li dan intalab mingħandu l-ewwel darba fil-21 ta' Jannar, 2011, u l-avviż tal-arbitraġġ ġie ppreżentat fit-3 ta' Mejju, 2023, jiġifieri aktar minn għaxar snin minn meta allegatament kienet dovuta s-somma pretiża. Qal li anke li kieku l-ewwel ittra li ntbagħtet setgħet kisret il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili, il-perijodu ta' ħames snin xorta waħda laħaq għadda sa meta ġie intavolat l-avviż tal-arbitraġġ. Qal li anke jekk sussegwentement ġiet intavolata t-tieni ittra, din qatt ma ġiet notifikata lilu, u għalhekk din qatt ma setgħet titqies li interrompiet il-perijodu ta' preksrizzjoni. L-appellant sostna li għalhekk l-azzjoni tas-soċjetà appellata kienet insostenibbli sa mill-bidu tagħha, għaliex kienet intiża sabiex teżegwixxi dritt ta' kreditu li allegatament kellha, iżda li ġie preskritt.

15. B'riferiment għal dan l-aggravju, is-soċjetà appellata tgħid li dan l-aggravju huwa infondat u m'għandux jiġi milqugħ, u dan għaliex fi-kamp ċivili,

kuntrarjament għal dak li jiġri fil-kamp kriminali, id-debitur/intimat għandu l-oneru li mhux biss jeċċepixxi kwalsiasi preskrizzjoni, iżda anke li jressaq provi in sostenn ta' din l-eċċezzjoni, stante li l-preskrizzjoni ma tiġix sollevata *ex officio* mill-Qorti. L-appellata *pro et noe* qalet li għalhekk hija setgħet tressaq l-azzjoni tagħha fil-konfront tal-appellant. Żiedet tgħid li kien l-appellant li naqas milli jdaħħal ir-risposta fiż-żmien mogħti lilu, u għalhekk baqa' kontumaċi, u dan fisser li f'dan l-istadju, l-appellant ma jistax jissolleva din l-eċċezzjoni meta huwa naqas milli jagħmel dan quddiem l-Arbitru. L-appellata qalet li għad illi l-appellant kien debitament infurmat bis-seduti li saru u li fihom huwa seta' jressaq il-provi tiegħu, huwa naqas milli jagħmel dan, u għalhekk meta wieħed jeżamina l-provi u d-dokumenti esebiti in atti, jirriżulta li m'hemm l-ebda prova li tista' twassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-ammont reklamat minnha huwa preskritt.

16. In vista tal-fatt li din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, b'dan illi qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex jieħu konjizzjoni tar-risposta li l-appellant għandu jippreżenta fi żmien għoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, din il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju, sabiex ikun l-Arbitru li jevalwa l-provi li sejrin jitressqu quddiemu u tingħata deċiżjoni minnu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju, tilqa' l-appell u tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Arbitru sabiex dan**

**jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-appellant, li l-Qorti qiegħda tordna li għandha tiġi ppreżentata minnu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, u sabiex l-Arbitru jiffissa s-seduti sabiex jiġu ppreżentati l-provi mill-appellant in sostenn tar-risposta tiegħu, u jsiru l-kontro-eżamijiet mill-appellata *pro et noe*, u abbażi tal-provi mressqa quddiemu, l-Arbitru għandu jiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet.**

**F'dan l-istadju, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**